**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 2 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1029/01 AJD*

Pauline Cilia

vs

Martin Seychell

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta' Settembru, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici azzjoni kambjarja fl-ammont ta' tlett mija u tlieta u tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm383.67) rappresentanti kambjali ta' tnejn u erbghin liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm42.63) il-wahda (Dok. A sa I) li skadew rispettivament fil-25 ta' Gunju, 2000, fil-25 ta' Lulju, 2000, fil-25 ta' Awissu, 2000, fil-25 ta' Ottubru, 2000, fil-25 ta' Novembru, 2000, fil-25 ta' Jannar, 2001, fil-25 ta' Frar, 2001, fil-25 ta' Marzu, 2001 u fil-25 ta' April, 2001, u li baqghu ma thallsux. Dawn il-kambjali gew girati fuq l-attrici minn Blye Engineering Co. Ltd. (ta' Naxxar Road, San Gwann). Bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lilha. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u tliet au tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm383.67) bl-imghaxijiet legalli kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR